TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

## Fit-Tribunal tal-Konsumatur

**Joan Micallef St. John et**

**vs**

**O'Hea Opticians - Celia Melillo**

**CCT 15/20/MS**

**19 ta' Awwissu 2020**

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti prrezentat fil-21 ta' Jannar 2020 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' €630.00, prezz ta nuccali *(frame* u lenti *varifocal)* ordnat u mixtri minghand l-azjenda intimata liema nuccali ma kienx tajjeb ghall-uzu li ghalih kien mahsub, kif ukoll spejjes ohra subiti mir-rikorrenti biex tiehu parir ulterjuri wara li ma setghetx tuza n-nuccali minhabba sturdament kbir.

Ra r-risposta tal-intimata pprezentata fit-12 ta' Frar 2020, fejn cahdet it-talba tar-rikorrenti u qalet li r-ricetta kienet taqbel perfettament mal-lenti u li meta si tratta ta' lenti *varifocal*, perjodu ta' aggustament ta' xi gimghat huwa normali hafna u anke mistenni; Illi r-rikorrenti ghazlet illi tibdel il-lenti u dan sar minghajr hlas, pero' xorta ma kenitx kuntenta u ghalhekk giet riferuta lura ghand it-tabib li kien ghamel ir-ricetta li kkonferma li l-lenti kienu tajbin u se mai il-problema kienet illi r-rikorrenti kienet drat nuccali maghmula fuq ricetta hazina; illi r-rikorrenti biddlet il-*frame* tan-nuccali erba' darbiet.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi f'Lulju 2019, ir-rikorrenti marret ghand l-azjenda intimata biex tara nuccalijiet. Hi diga kellha ricetta mit-tabib Norman Shaw u ddecidiet illi taghmel nuccali *varifocal* peress illi riedet xi haga gdida. Ordnat in-nuccali li kien jiswa €585.00 u hallset depozitu ta' madwar €180.00. In-nuccali kellu jsir barra minn Malta u wara xi gimghatejn jew iktar marret ghalih. X'hin pruvatu bdiet tara kollox idur. L-impjegata li qdietha (kemm dan-inhar kif ukoll meta marret l-ewwel darba) qaltilha biex tiehdu d-dar biex tidrah u spjegat li kien normali li ghal bidu thoss sturdament, pero' l-ghada ir-rikorrent regghet marret lura l-hanut u ddecidiet li tbiddel il-lenti u taghmilhom *bifocals*. Pero' anke dawn ma kienux tajbin. Ir-rikorrenti tghid illi l-lenti *varifocal* tathom lura u lanqas ma hadet flusha lura alavolja l-*bifocals* kienu irhas. Marret drabi ohra u sahansitra bidlulha frame xi erba' darbiet.

Ir-rikorrent qalet ukoll li marret ghand Cathedral Optician fejn in-nuccali gie imqabbel mar-ricetta ta' Dr Shaw u qalulha li l-PD kien differenti u li n-nuccali kien hazin. Marret ukoll ghand Ivan Vella, specjalist tal-ghajnejn u wara li ezaminaha, ra r-ricetta u qallha li r-ricetta kienet tajba pero' n-nuccali ma kienux tajbin ghaliex ma kienux centred. Hi zammet in-nuccali bil-lenti *bifocal* ghalkemm qatt ma uzatu.

In kontro-ezami, ir-rikorrenti kkonfermat illi darba kienet marret ghand l-azjenda intimata bl-ittra ta' Dr. Shaw li kien kkonferma li l-lenti kienu tajbin u jaqblu mar-ricetta tieghu. Din l-ittra giet esebita mill-intimata bhala Dok NS. Ikkonfermat ukoll illi meta marret biex taghmel nuccali l-ewwel darba kienet hadet maghha ir-ricetta ta' Dr. Shaw.

Xehed ukoll ir-ragel tar-rikorrenti li kkonferma dak kollu li qalet u qal illi l-problema kienet fil-PD u dan giet konfermata minn tnejn minn nies differenti. Zied ighid illi barra l-€585 tan-nuccali, qed jitolbu ukoll l-ispejjes li hallsu ghand it-tobba Norman Shaw u Ivan Vella.

Xehdet ukoll l-intimata Celia Melillo li qalet illi ma kenitx prezenti la meta r-rikorrenti ordnat in-nuccali u lanqas meta gabritu. Pero' saret taf illi kienet giet b'ricetta ta' Dr. Shaw u r-rikorrenti ghazlet li taghmel lenti *varifocal* tad-ditta Hola. Meta gabret in-nuccali, avolja l-intimata ma kenitx hemm, l-impjegati taghha qalulha li r-rikorrenti ma kenitx qed tara sew u spjegat x'jigri f'sitwazzjonijiet bhal dawn - i.e. jaraw jekk kien hemm xi zball min-naha taghhom. Meta ma kienx jidher li sar zball, offrewlha li taghmel *bifocal* lenses u hi accetat. Pero' xorta ma hargitx kuntenta u f'dak l-istadju qalulha biex tmur lura ghand Dr. Shaw u hekk ghamlet. It-tabib Shaw ikkonstata li l-problema kienet fil-lenti tan-nuccali taghha l-antik u li kienet drat PD hazin.

*I have examined Ms Joan Micallef St. John and found to be correct.*
*I checked the PD of her* ***old glasses*** *and found them to be incorrect approx 66mm. Her PD is 60. I therefore suspect that she has gotten used to a wider PD?? as could not find anything else wrong. Or that she is highly sensitive to the size of her frames, maybe rectify to a frame the same size as her old ones might help. (25.9.19).*

L-intimata tghid illi eventwalment baghtu l-varifocals lura ghand il-*headquarters* fl-Italja peress illi dawn kienu gew mibdula ghal *bifocals.* Spjegat ukoll illi l-kumpanija ma taghtix flus lura pero' toffri l-opportunita' li dak li jkun ibiddel il-lenti minghajr hlas. Spjegat ukoll illi r-rikorrenti kienet biddlet il-frame erba' darbiet u dik kienet ir-raguni ghaliex seta' kien hemm id-*downward displacement* li rrefera ghalih it-tabib Vella fl-ittra tieghu meta qal hekk:

*"I have examined the glasses ....*
*In my opinion there is some downward displacement of the centre of the left lens. This might cause the feeling the client is complaining of." (15/11/19)*

Ikkunsidra

Illi l-istorja kollha bdiet f'Lulju 2019 meta r-rikorrenti marret ghand l-azjenda intimata u iddecidiet tordna nuccali varifocal. Marret ghalih f'Awwissu 2019 u meta libsitu qabadha sturdament. Fejn

jidhol lenti *varifocal,* perjodu ta' aggustament huwa normali u dan jaf idum ftit granet jew anke gimghatejn jew tlieta. Ir-rikorrenti pero' ma qaghditx tistenna u marret lura l-ghada. Fuq suggeriment tal-azjenda intimata, iddecidiet illi tibdel il-lenti minn *varifocal* ghal *bifocal.* F'Settembru 2019 marret ghand l-azjenda intimata u talbithom il-lenti originali (varifocal) u hadithom ghand Dr. Shaw.

Fl-avviz taghha, r-rikorrenti tghid illi Dr. Shaw qallha li l-PD ma kienx korrett, pero' dan kien jirreferi ghal PD tan-nuccali l-antik u mhux tal- lenti godda illi gew imfassla fuq ir-ricetta ta' Dr. Shaw, li skond hu kienu tajbin. Wara, ir-rikorrenti marret lura ghand l-azjenda intimata u biddlet il-frame xi erba darbiet, anke fuq suggeriment tat-tabib Shaw. Xahrejn wara, f'Novembru 2019 u allura wara li kienet biddlet kemm il-lenti *varifocal* ghal *bifocal* umbaghad biddlet il-frame tan-nuccali xi erba' darbiet, marret ghand Cathedral Opticians u ghand is-specjalista Vella. Dan ifisser illi l-lenti li ezamina Dr. Shaw ma kienux l-istess li ezaminaw Dr. Vella u Cathedral Opticians.

Ghalkemm fix-xhieda taghha quddiem dan it-Tribunal, ir-rikorrenti ma semmietx li marret ghand it-tabib Shaw biex turih il-lenti, taghmel referenza ghal din il-vista fl-avviz tahha fejn tghid hekk:

*September 2019 Few days later I phoned and visited O Hea and I asked them to give me the original lens to take them to Dr. Shaw who told me that the PD was not correct.*

It-Tribunal jifhem allura, illi l-lenti originali jirreferu ghal lenti *varifocal l*i ghamlet fil-bidu, u li f'dak l-istadju kienu fil-pussess taghha, kif xehdet anke l-intimata, meta qalet hekk:

*"F'dak l-istadju ghidnielha biex tmur ghand Dr. Shaw, pero' qabel konna offrejnielha biex taghmel bifocal jigifieri issa r-rikorrenti kellha l-bifocal lenses fuq frame u lenses l-ohra tal-varifocal kienu gewwa borza, imma kollox kien fil-pussess taghha."*

F'Novembru 2019 meta r-rikorrent marret ghand Cathedral Opticians u ghand Dr. Vella, hi marret bin-nuccali li kien fih il-lenti *bifocal.* Dan ifisser allura illi filwaqt li Dr. Shaw ghamel l-analizi fuq il-lenti originali (varifocal), Dr. Vella qatt ma rahom u ghamel l-analizi fuq in-nuccali li kien fih il-lenti *bifocal* wara li l-*frame* kien gie mibdul xi erba' darbiet.

It-Tribunal jidhirlu li l-ewwel zball li sar kien li tbiddlu l-lenti minn *varifocal* ghal *bifocal* qabel ma r-rikorrenti hadet parir jew *second opinion* minghand tabib. Ir-rikorrenti hadet *second opinion* fuq nuccali u *frame* li ma kienux l-originali imma nuccali li kien gie mibdul u mbaghbas erba jew hames darbiet. It-Tribunal ma jistax jinjora l-ittra ta' Norman Shaw li ighid car u tond illi l-lenti originali kienu tajbin u jaqblu perfettament mar-ricetta tieghu. Il-fatt illi hi ma setghetx tidrahom ma jfissirx illi ma kienux tajbin, ghaliex kif spjegaw kemm l-intimata kif ukoll Dr. Shaw, dan facilment jista' jigri. U mir-ricerka li ghamel dan it-Tribunal jidher li fejn jidhol il-*varifocal* lenses huwa normali li persuna ddum tlett gimghat jew iktar sakemm tidra.

Ghalkemm ir-rikorrenti tilmenta illi ma haditx *refund* meta biddlulha l-lenti minn *varifocal* ghal *bifocal*, din hija l-prassi tal-kumpanija barranija. It-tibdil sar minghajr hlas u kull darba li biddlet il-frame dan ukoll kien minghajr hlas. Ovvjament din kienet l-ghazla ahhari tar-rikorrenti u jekk

riedet setghet zzomm kollox kif inhu u thalli kollox ghand il-hanut. Dan kien ikun l-ahjar haga ghaliex f'cirkostanzi bhal dawn, meta persuna tilmenta fuq oggett, l-aktar haga importanti huwa li dak l-oggett jigi prizervat ghaliex altrimenti tkun giet mitlufa l-ahjar prova, kif gara f'dan il-kaz. Pero' jidher illi Dr. Shaw kien ikkonstata l-lenti orignali u sab li kienu tajbin. L-ilment tar-rikorrenti kienet propju fuq dawn il-lenti, fejn ilmentat illi ma kienux tajbin. Dr.Shaw irreleva illi kienu l-lenti tan-nuccali l-antik li kienu hziena u mhux dawn li taghhom ghamel ir-ricetta. Dan ipoggi lir-riorrenti f'sitwazzjoni pjuttost hazina ghal dak li jirrigwarda l-istanza taghha.

L-ilment principali taghha kien li dawn il-*varifocal* ma kienux tajbin ghall-uzu li ghalihom kien intenzjonat, mentri dan ma rrizultax mill-atti. Jekk il-kumpanija ppruvat minn kollox biex taqdi r-rikorrenti biex izzomm tajjeb dik ir-relazzjoni mal-klijent, dan minn fuq m'ghandux jingieb bhala argument kontra l-intimata. Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu li l-istanza tar-rikorrenti m'ghandhiex tigi milqugha.

It-Tribunal josserva pero', li l-intimata offriet li ttiha lura mija u sittin Euro (€160.00), il-prezz tal-*frame.*
Ghalhekk qed jordna lill-istess intimata sabiex tirrifondilha is-somma ta' mija u sittin Euro.
Mill-qpija pero', it-talbiet attrici qed jigu michuda.
It-Tribunal jawtorizza lill-intimata illi tiehu lura il-*frame* koncernat (pero' mhux il-lenti), darba jsir il-hlas ta' €160.00
Bl-ispejjes ghandhom jibqghu bla taxxa.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070